Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorreni: Interplastics s.r.o.

Konvenuta: Letifico d.o.o.

Domandi preliminari

1) Id-dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri l-Artikolu 1 tal-Ovršni zakon (il-Liġi dwar l-Eżekuzzjoni Forzata) (*Narodne novine*, br. 112/12, 25/13, 93/14, 55/16 u 73/17), li tawtorizza lin-nutara li jwettqu l-irkupru forzat ta' dejn abbażi ta' dokument awtentiku billi johorġu mandat ta' eżekuzzjoni, bħala titolu eżeuttiv, mingħajr il-kunsens speċifiku tal-persuna ġuridika debitriċi stabbilita fil-Kroazja, hija konformi mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ukoll mal-Artikolu 18 tat-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea], fid-dawl tas-sentenzi [tad-9 ta' Marzu 2017, Zulfikarpašić (C-484/15, EU:C:2017:199)] u [tad-9 ta' Marzu 2017, Pula Parking (C-551/15, EU:C:2017:193)]?

2) L-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenzi [ċċitati iktar 'il fuq] tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi applikata għall-Kawża [Povrv-752/19], esposta preċedentement, u, iktar preċiżament, ir-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-Kroazja, in-nutura, li jaġixxu fil-kuntest ta' kompetenzi mogħtija lilhom mid-dritt nazzjonali fil-proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata abbażi ta' "dokument awtentiku" li [fihom] il-partijiet li jfittxu l-eżekuzzjoni huma persuni ġuridiċi stabbiliti fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "qorti" fis-sens ta' dan ir-regolament?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (is-Slovenja) fit-2 ta' Mejju 2019 — D. J. vs Radiotelevizija Slovenija

(Kawża C-344/19)

(2019/C 263/35)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Qorti tar-rinviju

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: D. J.

Konvenuta: Radiotelevizija Slovenija

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/88 ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża inkwistjoni għandu jitqies bħala ħin tax-xogħol il-perijodu ta' stand-by li matulu l-ħaddiem li jaħdem f'ċentru ta' trażmissjoni tat-televiżjoni, meta jkun liberu (peress li l-preżenza fiżika tiegħu fuq il-post tax-xogħol ma tkunx neċessarja), għandu jkun jista' jiġi kkuntattjat permezz tat-telefon u jirritorna fuq il-post tax-xogħol, fil-każ ta' bżonn, fi żmien siegħa?

2) Il-fatt li l-ħaddiem jirrisjedi f'residenza li tinsab fil-post fejn huwa jwettaq xogħlu (ċentru ta' trażmissjoni tat-televiżjoni) peress li l-karatteristiċi ġeografiċi tal-post jirrendu impossibbli (jew iktar diffiċli) li huwa jirritorna kuljum ix-xogħol ("fil-wied") għandu effett fuq id-definizzjoni tal-istand-by fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża?

3) Ir-risposta għad-domandi preċedenti hija differenti jekk il-post involut ikun wieħed fejn il-possibbiltajiet li jiġu eżerċitati attivitajiet rikreattivi jkunu limitati minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi tal-imsemmi post u jekk il-ħaddiem ikun iktar limitat fil-ġestjoni ta' ħinu u sabiex isegwi l-interessi proprji tiegħu (milli kieku jkun joqgħod f'daru)?

(1) Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fit-2 ta' Mejju 2019 — Bundeszentralamt für Steuern vs Y-GmbH

(Kawża C-346/19)

(2019/C 263/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Bundeszentralamt für Steuern

Konvenuta: Y-GmbH

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 8(2)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (1), prevista fid-Direttiva 2006/112/EC (2), għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor, li jipprovdi li l-applikazzjoni għal rifużjoni għandha tinkludi fost l-oħrajn, għal kull Stat Membru ta' rifjużjoni u għal kull fattura, in-numru tal-fattura, għandu jiġi interpretat fis-sens li n-numru ta' referenza tal-fattura, indikat bħala kriterju ta' klassifikazzjoni supplimentari, flimkien man-numru ta' fattura, huwa wkoll suffiċjenti?

2) Fil-każ li r-risposta li tingħata għad-domanda preċedenti tkun fin-negattiv: applikazzjoni għal rifużjoni, li tindika n-numru ta' referenza ta' fattura minflok in-numru tal-fattura, għandha titqies li hija formalment kompluta u ppreżentata fit-terminu previst għall-finijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/9?

3) Fir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna taxxabbli li ma hijiex stabbilita fl-Istat Membru ta' rifużjoni setgħet raġonevolement tippreżupponi li, minn perspettiva ta' applikant avżat, u minħabba l-istruttura tal-portal elettroniku fl-Istat Membru ta' residenza, huwa biżżejjed, sabiex l-applikazzjoni tkun korretta u, fi kwalunkwe każ, sabiex tkun formalment kompluta u ppreżentata fit-terminu previst, li jiġi indikat kodiċi ieħor għajr in-numru tal-fattura sabiex tiġi identifikata l-fattura li hija s-suġġett tal-applikazzjoni?

(1) ĠU 2008, L 44, p. 23.
(2) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60)